The Raoul Follereau Foundation (Malta) - The Order of Charity
is a registered NGO [No. VO/0980]
administered by the
Grand Priory of the Maltese Islands
of the
Military and Hospitaller Order of Saint Lazarus of Jerusalem



RAOUL FOLLEREAU FOUNDATION (MALTA): NGO NO. VO/0980

Order of Charity Newsletter


# L' Istorja tal-Lebbra f'Malta


## Charles Savona-Ventura


**2015-2016**

# L-ISTORJA TAL-LEBBRA F'MALTA - *Żmien Medjevali*

Fl-1226, il-Gżejjer Maltin ġew taħt il-ħakma ta' Federiku II ta' Sqallija. F'dik is-sena, l-Imperatur aċċetta li n-nobbli Lazaro ta' Raimo jistabbilixxi post għall-kura u l-manteniment tal-lebbrużi f'Capua, fin-nofsinhar tal-Italja. Fl-1265, is-suċċessur, Karlu I, fuq direttiva tal-Papa Klement IV, ordna li l-lebbrużi fid-dominju tiegħu jieħdu ħsiebhom il-membri tal-Ordni ta' San Lazzru. Jingħad li madwar is-sena 1299, ir-re Federiku III waqqaf l-isptar ta' San Franġisk, illum l-arkivji ta' Santu Spirtu, barra l-ħitan tal-kapitali l-Imdina. M'hemm l-ebda dokument biex jipprova dan. Dan l-isptar kien immexxi mill-Ordni Franġiskana. San Franġisk kellu mħabba partikolari għal-lebbrużi, atteġġjament li ġie addottat mis-segwaċi tiegħu.



Il-lebbra bħala marda tissemma fit-Testment il-Qadim. Fil-Ktieb tal-Levitiku (13:45-46), il-vittma ta' din il-marda hu obbligat jilbes ħwejjeġ imqattgħa, iħalli xagħru mħabbel, jgħatti wiċċu u jgħajjat "Imniġġes! Imniġġes!" meta jiltaqa' man-nies. Kien obbligat ukoll li jgħix barra mill-komunità. Dan l-atteġġjament baqa' jinżamm tul iż-żmien tal-Qedem u tal-Medju Evu. Ftit huma d-dokumenti f'Malta ta' dawn iż-żminijiet, u xejn ma jsemmu l-marda tal-lebbra.

Wieħed jissopponi li l-marda kienet ilha jkollha vittmi minn żmien l-Għarab. L-isem veru tal-marda bil-Malti huwa *ġdiem* waqt li l-vittma kien jissejjaħ *imġiddem*. Din hi kelma pjuttost Għarbija li ġejja mill-kelma *judham*. Fit-tradizzjoni Islamika, il-Profeta Muhammed iwissi li wieħed kellu jaħrab mill-imġiddem bħalma jaħrab minn iljun. Muhammed kien jibża' mil-lebbrużi tant li f'okkażjoni minnhom kien irrifjuta li jiltaqa' ma' wieħed lebbruż meta dan kien jagħmel il-ħalfa tal-ubbidjenza.

Fil-kitbiet ta' Geniza fl-Università ta' Cambridge bid-data ta' madwar l-1261 insibu li Ibrahim al-Yahudi kellu l-lebbra u għaldaqstant ma setax jitħallat mal-oħrajn għax il-kundizzjoni kienet magħrufa bħala marda li tinxtered. Malta kienet taħt il-ħakma u l-influwenza kulturali tal-Misilmin bejn is-snin 870 u 1249 W.K. Fl-1240, madwar erbgħin fil-mija tal-Maltin kienu Misilmin. Għalhekk dan l-atteġġjament lejn il-vittmi tal-marda kien prevalenti f'pajjiżna.



Federiku II

Fl-1226, il-Gżejjer Maltin ġew taħt il-ħakma ta' Federiku II ta' Sqallija. F'dik is-sena, l-Imperatur aċċetta li n-nobbli Lazaro ta' Raimo jistabbilixxi post għall-kura u l-manteniment tal-lebbrużi f'Capua, fin-nofsinhar tal-Italja. Fl-1265, is-suċċessur, Karlu I, fuq direttiva tal-Papa Klement IV, ordna li l-lebbrużi fid-dominju tiegħu jieħdu ħsiebhom il-membri tal-Ordni ta' San Lazzru.



Ir-Re mal-Papa



L-isptar ta' San Franġisk

Jingħad li madwar is-sena 1299, ir-re Federiku III waqqaf l-isptar ta' San Franġisk, illum l-arkivji ta' Santu Spirtu, barra l-ħitan tal-kapitali l-Imdina. M'hemm l-ebda dokument biex jipprova dan. Dan l-isptar kien immexxi mill-Ordni Franġiskana. San Franġisk kellu mħabba partikolari għal-lebbrużi, atteġġjament li ġie addottat mis-segwaċi tiegħu.



L-istabbiliment tal-Ordni ta' San Lazzru f'Capua

L-Ordni ta' San Lazzru kien Ordni li twaqqaf f'Ġerusalemm wara l-ewwel kruċjata, fil-bidu tas-seklu tnax. Ix-xogħol ta' dan l-Ordni kien li jmexxi l-isptar li fih kien hemm il-lebbrużi mibni barra l-ħitan ta' Ġerusalemm. Il-pazjenti kienu jinkludu kemm dawk li kienu jgħixu fil-lokal kif ukoll dawk li kienu jmorru hemm bħala pellegrini, bit-tama li jiġu kkurati. Fis-seklu ta' wara, il-membri ta' dan l-Ordni bdew jieħdu sehem militari fil-ġlieda konta l-Misilmin li riedu jieħdu l-Art Imqaddsa taħt idejhom. Bħall-Ordnijiet l-oħra, l-Ordni ta' San Lazzru ġie mkeċċi mill-Palestina fl-1291 u l-membri xterrdu prinċipalment fl-Italja u Franza.

L-atteġġjament lejn il-vittmi tal-lebbra tbiddel mal-mixja taż-żminijiet, b'mod speċjali wara l-qerda li ġabet magħha l-pesta fis-seklu erbatax. Din l-epidemija qatlet ħafna mill-popolazzjoni fl-Ewropa, partikolarment dawk li kienu dgħajfa, fosthom il-morda bil-lebbra. Għalkemm il-marda ma nqerditx, l-attitudni lejn il-morda ma baqgħetx l-istess. Fejn qabel il-marid bil-lebbra kien kompletament iżolat mill-kumplament tas-soċjetà, u kien jitqies bħallikieku bniedem mejjet, mis-seklu ħmistax, il-lebbrużi kien jibqgħu membri fil-komunità bi drittijiet legali bħal ħaddieħor.

Fis-sena 1492, id-dokumenti Maltin ta' dak iż-żmien isemmu każ ta' mara Għawdxija li kellha l-marda tal-lebbra. Hija għamlet kuntratt f'isimha biex tħalli biċċa art lill-knisja. L-istess atteġġjament jidher fir-regolamenti stabbiliti mill-Ordni ta' San Ġwann f'Rhodi fil-bidu tas-seklu sittax. Dawn ir-regolamenti, li ġew addottati f'Malta wara l-miġja tal-Ordni fl-1530, kienu jħarsu lejn il-lebbrużi bħala *il-morda ta' San Lazzru*. Dawn il-morda kienu jirċievu benefiċċji speċjali mill-Ordni. Kienu obbligati li ma jitħalltux ma' nies f'saħħithom u ma jagħmlu l-ebda xogħol mingħajr il-permess tal-awtoritajiet. Waqt dan iż-żmien, il-lebbrużi ma kinux jiġu segregati f'xi stabbiliment speċifku. Din l-attitudni kompliet matul iż-żmien tal-ħakma tal-Ordni f'Malta. ■

*Chev. Prof. Charles Savona Ventura*

L-istorja tal-Lebbra f'Malta

# L-istorja tal-Lebbra f'Malta
# It-tieni Parti: Zmien il-Kavallieri ta' San Gwann

**Prof. C. Savona-Ventura**

Il-Kavallieri ta' San Gwann waslu Malta fis-sena 1530 wara li dawn kienu mkeccija minn Rodi mis-Sultan Suleman. Waqt li kienu f' Rodi fi zmien il-Granmastru Emery d'Amboise, il-kavallieri kienu ifformulaw serje ta' regolamenti sanitarji li kienu wkoll jindirizzaw il-lebbra. Fuq basi ta' dawn ir-regolamenti, il-lebbruzi kienu jircievu benefficji specjali mill-fondi karitatevoli ta' l' Ordni. Imma, dawn il-morda ma setghawx jkollhom xi forma ta' kuntatt socjali ma' dawn li kienu f'siektom. Ma setghux jghatu xi haga jew oggett li xi hadd f' siektu kontra pieni horox. Kienu resstritti wkoll fit-tip ta' xoghol li setghu jaghmlu u kellhom bzonn il-permess ta' l-awtoritajiet sanitarji biex jaghmlu xi tipi ta' xoghol. Dawn ir-regolamenti iddahhlu u gew addottati f' Malta.



L- ewwel kaz ta' lebbra li nafu bija f'din l- epoka kien kaz ta' patri Dumnikan fil-kunvent tar-Rabat f' 1629. Il-kunvent xtara skjav specifikament biex jdur b'dan il-patri, li miet f' April 1630. Fis-sena 1659, il- Gran Consiglio ta' l-Ordni wera il-preokkupazzjoni tal-infettivitá tal-marda tal-lebbra u anke wera il-preokkupazzjoni ta' x'jigri mill-morda. Fis-sena 1679, l-Ordni holqot kummissjoni biex tistudja il-kundizzjoni ta' dawk affetwati mill-lebbra. Din issugerrit li dawn il- morda kellhom jigu ittrattati fid-djar taghhom u mghotija sapport finanzjarju. Dawn il-barranin morda bil-lebbra kellhom jigu ikkurati fis-sezzjoni tal-Falanga fis-Sacra Infermerija. Fis-sena 1725, is-Sacra Infermerija kienet tiehu hsieb ghal bzonnijiet ta' kuljum ta' dawn jsofru mill- lebbra.

Matul din l-epoka, kazijiet tal-lebbra kienu jezistu. It-tabib Giuseppe Zammit, li kien l-ewwel professur tal-kirurgija u anatomija fl- iskola medika ta' Malta, anke iddeskriva hames kazijiet lil ghaqda Akademja Medika. Fis-sena 1702, il-barbiera li dak iz-znien kienu wkoll jghatu kura medika bazika, kienu mwissija li sahhithom kienet f'periklu meta jattendu ghal-kura tal-lebbruzi.



L-interess akademiku fil-marda baqghet, u fis-sena 1764 it-tabib Giuseppe Demarco kiteb tezi intitolata "*Tractus affectuum cutaneorum*" dwar il-kundizzjoni. Din ghada tezisti bhala manuskrit fil-Bibljoteka Nazzjonili. Kaz specifku iehor li nafu bih huwa ta' soru mil-Monasteru ta' Santa Katarina fil-Belt Valletta li fis-sena 1770 "zvillupat ulceri u deni u saret lebbruza". Fis-sena 1771, nafu li wasal f' Malta tifel lebbruz ta' ufficjal Tork li kien sejjer lejn Marsilja biex forsi jsib kura hemm.



Matul il-perjodu taht il-kavallieri ta' San Gwann jidher li l-attegjament lejn il-nies morda bil-lebbra kienet ta' sapport socjali u mediku b'element ta' biza' mill-infettivitá tal-marda. Dan ta' l-ahhar imma ma kienx jfisser li l-morda kienu b'xi mod izolati f' centri specifici ghalihom kif kienet id-drawwa fiz-zmien Medjevali. Dan l-attagjament baqa matul is-snin tas-seklu 19 waqt il-perjodu Ingliz. Is-sitwazzjoni tbddilet ghall-ahhar tas-seklu 19 meta ligijiet gew imfassla biex il-lebbruzi jigu issegregati mil-gdid.

# L-istorja tal-Lebbra f'Malta – Żmien l-Ingliżi—1

**Prof. C. Savona-Ventura**

L-istorja tal-Lebbra f'Malta—Zmien l-Inglizi

Din l-attitudini bagħqet ukoll matul il-biċċa kbira tas-seklu 19. Diversi tobba Maltin id-diskrevew każijiet ta' din il-marda. Fl-1803, it-tabib Saydon iddiskriva tlett każijiet ta' baħħara – wieħed minnhom Malti. Fl-1835, il-Professur Schinas ukoll iddeskriva kas, waqt li fl-1837 it-tabib Gravina iddeskriva żewg każijiet oħra. Każijiet oħra gew irraportati mit-tobba Gulia u Sammut. Ħadt mil-professjoni medika ma kien partikolarment allarmat u b'risposta għar-rapport mitlub mil-Kumitat Speċjali tal-Kulleġġ Rejali tat-Tobba fil-1862, ġie irraportat li l-lebbra ma kienetx teżisti fil-Gżejjer Maltin. F'rapport ieħor ftit wara, fl-1874, ġie rraportat li waqt li l-lebbra kienet preżenti fil-Gżejjer Maltin, din ma kienetx kommuni.

Fl-1883, il-awtoritajiet f'Malta ħatru kummissjoni ta' sebgħa tobba biex jistudjaw il-problema f'Malta u jis-suġġerixxu kif din il-marda infettiva setgħat tiġi ikkontrol-lata. Dawn it-tobba identifikaw u studjaw 30 lebbrużi Maltin. Irraportaw li l-marda kienet żdiedet minħabba grupp ta' suldati Indjani li kienu ġew stazzjonati l-Imrieħel fl-1878.



Il-kummissjoni issuġeriet li l-morda kellhom jiġu isseggrega-ti. Fl-1890, sar servej nazzjonali biex id-daqs tal-problema jiġi verament identifikat. Instabu 69 każ lebbruż fil-Gżejjer Malt-in bi prevalenza ta' madwar 1 kull 2400 fil-popolazzjoni. Ħdax il-kas kienu fi stat ħażin ħafna u kienu miżmuma fl-Imgieret. Tmien każijiet kienu jgħixu f'Għawdex. Ħafna mill-każijiet Maltin kienu minn Ħal Qormi jew il-Mosta. Fuq bażi ta' dan is-servej, l- Kunsill tal-Gvern ippublika Ordinanza Numru VII b'attentat li jwaqqaf it-tixrid tal-lebbra. Din il-ligi pprovdiet għal notifi-kazzjoni kompulsiva ta' kull kas li jiġi identifikat u ħatret Board ta' ħames tobba biex jeżaminaw il-każijiet suspettużi u jikkon-fermaw id-djanjożi. Il-pazjent lebbruż kellu jigi immedjata-ment issegregat malli id-djanjożi tiġi ikkonfermata.

Waqt li l-liġi issa stabilixxiet li l-lebbrużi kollha kellhom jiġu issegregati, dan ma setgħax jsir għax ma kienx hemm lok ad-ekwat fejn wieħed jżommhom.



Fl-1900, sptar ddedikat għal-lebbrużi irġiel, ġie mibni l-Imgieret. Is-sezzjoni tan-nisa ġiet mibnija fl-1911 u għalhekk n-nisa lebrużi setgħu jiġu ammesi wkoll. F'dik is-sena, dan l-isptar għal-lebbrużi kien jżomm 73 pazjent irgiel. Fl-1914, in-numru ta' lebbrużi identifikati kien ta' 107 nisa u irġiel, jew prevalenza ta' 1 kull 2000 tal-populazjoni. Il-pazjenti kienu jiġu ammessi go l-isptar b'mod sfurzat u miżumin hemm fi stat ta' arrest mill-pulizija.



Dawn ir-restrizzjonijiet ġabu magħhom rewwixti u xi leb-brużi anke ħarbu mill-isptar. Bil mod il-mod, il-kundizzjonijiet tal-lebbrużi ġewwa l-isptar tjiebu tant li eventwalment kienu jitħallew jmorru għal mixjiet fil-kampanja b'kun-trast ta' l-ewwel snin fejn kienu miżmuma fi stat ta' arrest preventiv.

Fl-1916, ġie maħtur kumitat ieħor biex jistudja il-kundizzjonijiet tal-lebbrużi f'dan is-sptar. Dan l-istudju ġab bidla fil-liġi li kienet tir-rigwardja il-kontrol ta' din il-marda. L-Ordinanza ta' 1919 għarfet li l-lebbruż seta' ma jibqax infettiv. Għaldanstant dawn il-pazjenti setgħu jiġu meħlusa mill-isptar jew aħjar mill-'ħabs lebbruż'. Fl-1937, l-isptar tal-lebbra ġie msemmi l-Isptar San Bartolomew f'atten-tat biex titneħa l-istigma as-soċjata miegħu. Fl-istess sena infetaħ sptar għal-lebrużi f'Għawdex.



# L-istorja tal-Lebbra f'Malta – Żmien l-Inglizi–

## It-Tieni Parti

**Prof. C. Savona-Ventura**

**L-istorja tal-Lebbra f'Malta—Zmien l-Inglizi**

Fi snin ta' wara it-Tieni Gwerra Dinija, il-kommunitá medika bdiet tirrikonoxxi l-fatt li waqt il-marda kienet waħda infettiva, ir-rata ta' infettivita ma kienetx għolja waqt il-kura kienet għamlet xi avvanzi. Għalhekk f' 1953, il-ligi cwar il-lebra tbidlet u tnehhiet il-kuncett ta' internament sfurzatt bil-ligi. Din il-bidla fil-ligi rriżulta f'nuqqas fin-numru ta' lebrużi miżmuma gewwa l-isptar. Li baqa kienu dawk il-każijiet antiki li kienu saru "institutionalised".



Fl-bidu tas-sittinijiet, bdiet diskussjoni dawr l-użu ta' kunbinazzjoni ta' antibiotici fuq il-princiju tal-kura tat-tuberkulożi fejn il-mikkrobu jista jigi ikkunsidrat bhala il-kuggin tal-mikrobu li jikkawża il-lebra. It-tobba Maltin kienu minn ta' l-ewwel li hadnu din l-ideja u f'Gunju ta' 1972, il-Gvern Malti inizja il-Progett Nazzjonali biex jeqred il-marda tal-lebra mil-Gżejjer Maltin billi kull każ magħruf jew identifikat mil-gdid gie mogħti kors fit-tul tat-tliet antibiotici li kienu jintużaw fil-kura tat-tuberkulożi. Il-Progett kien minnufieh ta' success. Il-progett Malti sab ir-rikonnoximent tal-Għaqda Dinija tas-Sahha li hadnet il-principju ta' terapji b'kumbinazzjoni ta' antibiotici f'1981.

L-introduzzjoni ta' kura effetiva kellha effett sinifikanti fuq ix-xena lokali. Sa 1974, kien baqa bis 22 każijiet residenti fl-Sptar San Bartolimew. Dan l-isptar kien originalment mibni biex jżomm wisq aktar pazjenti. Għalhekk, dik is-sena il-każijiet li xtaqu jibgħu jgħixu f'istituzzjoni gew transferiti f'sit iehor fir-Residenza ta'Hal Ferha il-Għargħur. San Bartolimew biddel ir-rwol tiegħu u wara rifurbixment infetah bhala Rużar Briffa, imsemmi wara persuna li hadmet hafna għal gid tal-lebrużi. Il-pazjent li gew trasferiti Hal Ferha kienu pjuttost anzjani u bil-mod in-numru naqas minhaba mwiet. F'1995 kien għad fadal biss hames persuni mil-grupp originali. L'ahhar kas gie transferit lura lejn San Vincenz f'Imgieret u Hal Ferha ingħalaq darba għal kollox f'2004. Fuq ix-xena nazzjonali, l'ahhar kas gdid tal-lebra li gie ir-raportat Malta kien fil 1999. Wiehed jista igħid li għalhekk il-marda tal-lebra giet estinta fl-Gżejjer Maltin. Dan ma jfissierx li ma għad fadal hadt li għadu jsofri mill-effeti ta' din l-infezzjoni. Il-persuna li tbati bil-lebra tingħata pensjoni mhux kontributorja. F'2008 kien hemm 50 persuna li kienu għadhom jircevu din il-pensjoni. Dawn naqsu mas-milja tas-snin u f'2012 kienu jgħoddu 36 persuna li bejniethom jircevu madwar €83,000.

